MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 51/2006/2

**Noel u Georgina konjuġi Curmi**

***v.***

**Carmelo *sive* Charles u RoseMary konjuġi Galea**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenuti Carmelo u RoseMary miżżewġin Galea biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tat-22 ta' Frar 2013 ["is-sentenza attakkata"], wara li titħassar dik is-sentenza għax igħidu illi kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti kienu ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> "Il-mertu tal-appell jikkonċerna ftehim li kien sar bejn il-partijiet permezz ta' skrittura privata datata 22 ta' Marzu 1996 li biha l-attur obbliga ruħu li jikkonsenja vettura tat-tip *Toyota Corolla* tal-valur ta' *circa* Lm6,400 flimkien ma' moħriet lill-konvenut, li min-naħa tiegħu obbliga ruħu li jikkonsenja lill-attur *Isuzu Twin Cab* *ġ*did bil-prezz tal-vettura li jkun jidher fuq il-Gazzetta tal-Gvern. Ma' dan il-ftehim l-attur ħallas lill-konvenut Lm500 akkont tal-prezz tal-*Isuzu.*
>
> "Peress li l-konvenut naqas milli jadempixxi l-obbligu tiegħu skont il-ftehim, l-attur fit-2 ta' Lulju 1996 istitwixxa proċeduri gudizzjarji kontra tiegħu, u b'sentenza mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2002 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha, il-konvenut ġie ordnat sabiex jaderixxi ruħu mat-termini tal-ftehim. Din is-sentenza ġiet sussegwentement konfermata minn din il-qorti fit-2 ta' Diċembru 2005.
>
> "Minkejja dan, il-konvenut baqa' inadempjenti, bir-riżultat li l-atturi ppreżentaw il-proċeduri odjerni fejn talbu li l-konvenuti jiġu dikjarati responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi minħabba l-inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenuti, tillikwida d-danni u tordna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati."

3. L-ewwel qorti kienet laqgħet it-talbiet, illikwidat id-danni fis-somma ta' ħames mitt lira (Lm500) – daqs elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) – u ikkundannat lill-konvenuti jħallsu dawn id-danni flimkien mal-ispejjeż u bl-imgħax minn dakinhar tal-ftehim sa meta jsir il-ħlas.

4. L-atturi appellaw minn din is-sentenza u din il-qorti bis-sentenza llum attakkata laqgħet l-appell u iddeċidiet hekk:

> "... ... ...tirrevoka dik il-parti fejn [l-ewwel qorti] illikwidat id-danni fl-ammont ta' Lm500 u ordnat lill-konvenuti jħallsu din is-somma, u, minflok, tillikwida d-danni fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf, tmien mija erbgħa u tletin euro (€22,834) u tordna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi din is-somma flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv; tikkonferma l-bqija tas-sentenza. Spejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel qorti, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom jiġu sopportati mill-konvenut."

5. Din il-qorti kienet waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Mill-provi jirriżulta li ħmistax-il jum wara li sar il-ftehim il-konvenut kien mar għand l-attur biex jiġbor il-vettura *Toyota* peress li skont hu kien sab il-bejgħ tagħha, iżda l-attur irrifjuta li jagħtih il-vettura jekk hu ma jikkonsenjalux l-*Isuzu* gdid skont il-ftehim.
>
> "Jirriżulta wkoll mill-provi li, għalkemm fid-data meta ngħatat is-sentenza minn din il-qorti f'Diċembru 2005 *Isuzu* ġodda tal-għamla pattwita ma kinux għadhom jiġu importati f'Malta, kemm meta sar il-ftehim fit-22 ta' Marzu 1996 u kemm meta ngħatat l-ewwel sentenza fil-15 ta' Ottubru 2002 dan l-impediment ma kienx jeżisti, u għalhekk ma kien hemm xejn x'jiġġustifika n-nuqqas tal-konvenut li jaderixxi mal-ftehim, għajr li ħa żball fil-kalkoli tan-negozju li kien ser jagħmel bir-riżultat ta' telf finanzjarju da parti tiegħu. Għaldaqstant it-teżi ta' *nemo tenetur ad impossibilia* ma jistax ikun ta' suffraġju għall-inadempiment kontrattwali tal-konvenut, u għar-responsabbilità tiegħu għad-danni konsegwenzjali.
>
> "Kif osservat din il-qorti fis-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2005 fil-kawża 166/96 fl-istess ismijiet, "Il-verità għalhekk hi li l-konvenut mhux minnu li ġie f'impossibilità ta' esekuzzjoni, imma li biex jattwa dak li ntrabat għalih mal-attur appellat x'aktarx kien ifisser li jitlef mill-qligħ li huwa kien ipprospetta għalih".
>
> "Illi fid-dawl tal-premess, il-vertenza in diżamina, u li hija s-sustanza tal-aggravju tal-atturi, tirrigwarda biss il-*quantum* tad-danni dovuti lilhom mill-konvenuti minħabba l-inadempjenza kontrattwali.
>
> "L-atturi għandhom raġun meta fl-aggravju tagħhom jilmentaw mill-analoġija li għamlet l-ewwel qorti biex waslet għall-konklużjoni li biex jeżimu ruħhom minn kull responsabbilità huma kellhom, l-ewwel, joffru l-vettura lill-konvenuti, u fil-każ li dawn jirrifjutawha kellhom jid-depożitawha l-qorti, għax il-provi juru mod ieħor. Fil-fatt jirriżulta li mhux talli l-atturi ma offrewx il-vettura lill-konvenuti, iżda talli irrifjutaw li

jagħtuha lill-konvenut meta dan mar għaliha għax f'dak iż-żmien ma riedx jagħtihom l-*Isuzu*.

"Din il-qorti tosserva li, skont il-ftehim, l-obbligu tal-partijiet kien li, apparti mill-Lm500 li kienu tħallsu mal-ftehim, dawn jikkonsenjaw lil xulxin il-vetturi rispettivi skont il-ftehim, u fil-każ tal-attur ukoll il-moħriet. Għalhekk l-attur kien fid-dritt tiegħu li ma jikkonsenjax it-*Toyota* lill-konvenut meta kien jaf li dan ma kienx ser jikkonsenjalu l-*Isuzu*, u ta' dan l-atturi ma jistgħux jiġu penalizzati.

"Lanqas jista' validament jiġi attribwit xi tort lill-atturi għat-trapass taż-żmien, għax dawn, meta l-konvenut kien qalilhom li ma kienx ser jagħtihom l-*Isuzu*, ipproċedew ġudizzjarjament sabiex dan jiġi mġiegħel li jonora l-ftehim da parti tiegħu. Di fatti l-ewwel proċeduri ġew istitwiti fit-2 ta' Lulju 1996, *circa* tliet xhur wara l-ftehim.

"Dwar il-*quantum* tad-danni pretiżi, l-atturi preżentaw prospett li jindika l-ammont ta' Lm9,800, rappreżentanti d-differenza bejn il-valur tal-*Isuzu* illum [Lm11,800] u l-valur tat-*Toyota* illum [Lm2,000], skont stimi annessi mal-*affidavit* tiegħu u li ma ġewx kontestati.

"Qed jippretendu wkoll l-ammont ulterjuri ta' Lm3,814.33 rappreżentanti inkwantu għal Lm3,080 kera għall-użu tal-*garage* fejn tpoġġiet it-*Toyota* minn Marzu 1996 sa Marzu 2007, Lm450 u Lm284.33 liċenzji u *insurances* imħallsa minn Lulju 1995 sa Ġunju 2006 fuq l-istess vettura.

"Rigward l-ammont ta' Lm9,800, il-qorti tosserva li l-istimi datati 27 Settembru 2007, preżentati mill-attur fl-*affidavit* tiegħu ma ġewx kontestati, u din il-qorti ma tarax li huma inverosimili b'mod li għandha tiskartahom. Wara kollox, l-*Isuzu* gdid f'Marzu 1996 kien jiswa Lm7,000 *circa;* allura l-istima ta' Lm11,000 f'Settembru 2007 għal karozza ta' tip ekwivalenti, ħdax-il sena wara, ma tistax titqies li mhijiex raġjonevoli. Għalhekk il-qorti fil-komputazzjoni tad-danni ser taċċetta l-istimi fuq indikati, kemm tal-*Isuzu* kif ukoll tat-*Toyota.* Dan ukoll fid-dawl tal-fatt li l-attur ilu privat mill-użu tal-karozza tal-mudell pattwit għal tul ta' żmien mid-data tal-ftehim u għalhekk hu xieraq li dak li seta' tilef minhabba l-inadempjenza tal-konvenut jigi paċut mal-awment fil-valur tal-vettura.

"Illi fir-rigward il-qorti tosserva li ma tistax taqbel mal-ewwel qorti li l-attur ma sofriex danni ħlief għas-somma ta' Lm500, għax, filwaqt li f'Marzu 1996 l-attur ftiehem mal-konvenut li jakkwista mingħandu *Isuzu* ġdid li f'dak iż-żmien kien jiswa *circa* Lm7,000, liema prezz kien ser iħallsu billi jpartu mat-*Toyota* tiegħu stmata Lm6,400, u allura d-differenza li kien ser iħallas fi flus kienet zgħira, illum, minħabba l-inadempjenza kontrattwali tal-konvenut, l-attur irid joħrog Lm1,100 [*recte* Lm,11,800] biex jakkwista *Isuzu* ġdid, nieqes kemm tiswa t-*Toyota* – u dan skont kalkoli magħmula f'Settembru 2007 li huma l-aħħar stimi li jeżistu fl-atti.

"Id-danni huma s-somma ta' Lm9,800 li hi d-differenza fi flus li ser ikollu jħallas l-attur biex jakkwista dak li l-konvenut kien marbut fil-ftehim li jagħtih. Ma' dan l-ammont hemm inkluż is-somma ta' Lm500 li l-attur kien ħallas lill-konvenut akkont tal-prezz.

"Rigward l-ammont ta' Lm3,814.33 il-qorti tosserva li ma nġabux provi sodisfaċenti li l-attur fil-fatt kien ħallas dan l-ammont sabiex iħalli l-vettura fil-*garage* ta' missieru, u l-probabbilità hi li dan ma kienx iżommlu flus. Għalhekk dan l-ammont mhux dovut.

"Rigward il-ħlas tal-liċenzji u l-*insurances* fuq il-vettura *Toyota*, il-qorti tosserva din il-vettura għada fil-pussess tal-attur u ser tibqa' fil-pussess tiegħu, u għalhekk ma tarax kif l-ammonti ta' Lm450 u Lm284.33 jistgħu legalment jigu kkunsidrati fil-komputazzjoni tad-danni.

"Għaldaqstant l-aggravju tal-appellanti huwa parzjalment ġustifikat u qed jiġi milqugħ limitatament għall-ammont ta' €22,834 [Lm9,800]."

6. Il-konvenuti b'rikors tat-22 ta' Mejju 2013 talbu illi din is-sentenza titħassar għax igħidu illi hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża. Fissru din it-talba hekk:

"… is-sentenza hija bbażata fuq żball *ai termini* tal-artikolu 811(*l*) tal-Kap. 12 u dan *stante* li l-qorti qieset il-vettura tat-tip *Isuzu* li kienu ftiehmu fuqha oriġinarjament il-partijiet ekwivalenti għal vettura tat-tip *Isuzu* li tista' tiġi kkonsenjata llum lill-konjuġi Curmi u dana fil-komputazzjoni tad-danni dovuti lill-istess konjuġi Curmi;

"Illi fil-fatt l-*Isuzu* li kienu ftiehmu fuqu oriġinarjament kien *Isuzu two-wheel drive*, mingħajr *air condition* u bit-twieqi manwali, filwaqt illi l-*Isuzu* li l-qorti ħadet in kunsiderazzjoni fil-komputazzjoni tad-danni huwa *Isuzu four-wheel drive* bl-*extras* kollha inkluż magna bit-*25 turbo* u għalhekk ma jistax jingħad illi il-vettura miftiehmha fuqha u l-vettura li użat biex tikkwantifika d-danni huma l-istess tip ta' vettura.

"Illi *inoltre* l-qorti kienet żbaljata wkoll ... fir-rigward tal-vettura *Toyota* ta' missier l-attur Curmi li l-istess Curmi obbliga ruħu li jgħaddi lill-konjuġi Galea bħala parti mill-prezz tal-vettura *Isuzu* u dana *stante* li l-qorti ma kkunsidratx li l-attur Curmi kkontribwixxa għat-tnaqqis tal-valur ta' din il-vettura billi ma kkonsenjahiex lill-konjuġi Galea kif kien miftiehem u dan anke għall-fatt illi lanqas ma l-vettura ... kienet tiegħu;

"Illi kieku l-attur Curmi kkonsenja t-*Toyota* lill-konjuġi Galea l-valur tagħha ma kienx jonqos għaliex dawn tal-aħħar kienu jsibu l-bejgħ tagħha u jġibu l-valur tagħha ta' dakinhar tal-ftehim u għalhekk il-konjuġi Galea ma għandhomx ikunu responsabbli għat-tnaqqis fil-valur ta' din il-vettura;

"Illi barra minn hekk il-qorti għamlet żball ukoll meta naqset milli tikkunsidra li parti mill-ftehim kien li l-atturi Curmi jikkonsenjaw ukoll moħriet lill-konjuġi Galea u dana bħala parti mill-prezz tal-*Isuzu.*"

7. L-atturi wieġbu fl-1 ta' Novembru 2013 u fissru għala fil-fehma tagħhom it-talba għat-tħassir tas-sentenza għandha tiġi miċħuda.

8. L-ewwel aggravju tal-konvenuti huwa illi din il-qorti fis-sentenza attakkata "qieset il-vettura tat-tip *Isuzu* li kienu ftiehmu fuqha oriġinarjament il-partijiet ekwivalenti għal vettura tat-tip *Isuzu* li tista' tiġi kkonsenjata llum lill-konjuġi Curmi".

9. Dan huwa evidentement żbaljat, kif jidher ċar minn dak li qalet il-qorti meta qalet illi "Jirriżulta wkoll mill-provi li ... ... ... fid-data meta ngħatat is-sentenza minn din il-qorti f'Diċembru 2005, *Isuzu* ġodda tal-għamla pattwita ma kinux għadhom jiġu importati f'Malta". Ma hemmx dubju għalhekk illi l-qorti kienet konxja tal-fatt illi l-vettura li sar il-ftehim dwarha u dik illi issa jistgħu jixtru l-atturi kienu differenti; il-qorti qieset iżda illi l-modell modern kien l-eqreb lejn dak li sar il-ftehim dwaru, u għalhekk kellha tqis il-valur ta' dan il-mudell modern biex lill-atturi tqegħedhom kemm jista' jkun fil-posizzjoni li kienu jkunu fiha li kieku l-konvenut wettaq fil-pront l-obbligazzjoni tiegħu, ladarba kien bi ħtija ta' nuqqas tal-konvenut illi lill-atturi ma ġietx konsenjata vettura tal-mudell miftiehem.

10. Tassew illi jista' jkun illi b'hekk l-atturi ħadu xi vantaġġ, għax jistgħu issa jiksbu mudell aħjar u aktar modern, iżda l-qorti qieset ukoll illi "hu xieraq li dak li seta' tilef minhabba l-inadempjenza tal-konvenut jigi paċut mal-awment fil-valur tal-vettura".

11. Huwa evidenti għalhekk illi dak li qegħdin jippretendu l-konvenuti ma huwiex il-korrezzjoni ta' żball iżda l-valutazzjoni mill-ġdid ta' sitwazzjoni

ta’ fatt illi l-qorti fehmet sew u qisitha fil-konsiderazzjonijiet tagħha. Ritrattazzjoni ta’ kawża ma tingħatax għal raġuni bħal din.

12. Il-konvenuti jgħidu wkoll illi “l-qorti ma kkunsidratx li l-attur Curmi kkon-tribwixxa għat-tnaqqis tal-valur ta’ din il-vettura billi ma kkonsenjahiex lill-konjuġi Galea kif kien miftiehem u dan anke għall-fatt illi lanqas ma l-vettura ... kienet tiegħu”.

13. Dan ukoll ma huwiex minnu. Il-qorti qieset il-fatt illi l-atturi ma ikkonsenjawx it-*Toyota* lill-konvenuti, iżda qalet ukoll illi għamlu sew li ma għamlux il-konsenja għax “l-attur kien fid-dritt tiegħu li ma jik-konsenjax it-*Toyota* lill-konvenut meta kien jaf li dan ma kienx ser jikkonsenjalu l-*Isuzu*, u ta’ dan l-atturi ma jistgħux jiġu penalizzati”.

14. Għal darb’oħra dak li qegħdin ifittxu l-konvenuti mhux il-korrezzjoni ta’ żball iżda reviżjoni tad-deċiżjoni illi l-konsegwenza negativa tal-mogħdija taż-żmien fuq il-valur tat-*Toyota* kellhom ibatuha l-konvenuti stess u mhux l-atturi. Għal din il-pretensjoni ma tingħatax ritrattazzjoni ta’ sentenza.

15. Lanqas ma għandha relevanza l-allegazzjoni li t-*Toyota* ma kinitx tal-atturi. Li hu relevanti hu li għall-għanijiet tal-ftehim bejn il-partijiet il-benefiċċju tal-valur ta’ dik il-vettura kellhom joħduh l-atturi. Il-fatt tal-proprjetà tal-vettura huwa irrelevanti għal dan il-għan u għalhekk irrelevanti wkoll għall-għanijiet tas-sentenza, li ma hijiex imsejsa fuq konsiderazzjoni li t-*Toyota* hija proprjetà tal-atturi.

16. Dan l-aggravju għalhekk ma jistax iwassal għat-tħassir tas-sentenza attakkata.

*17.* L-aħħar aggravju hu illi l-qorti "naqset milli tikkunsidra li parti mill-ftehim kien li l-atturi Curmi jikkonsenjaw ukoll moħriet lill-konjuġi Galea u dana bħala parti mill-prezz tal-*Isuzu*".

18. *Prima facie* jidher illi dan l-ilment jista' jkun ġustifikat. Kif il-qorti, mill-valur tal-llum tal-*Isuzu*, naqqset il-valur tallum tat-*Toyota*, ladarba din issa mhix sejra tiġi konsenjata lill-konvenuti kif ried il-ftehim, kellha wkoll tnaqqas il-valur tal-moħriet ladarba dan ukoll ma huwiex sejjer jiġi konsenjat lill-konvenuti kif ried il-ftehim.

19. Biex il-qorti tagħmel hekk, iżda, kienet teħtieġ stima ta' kemm jiswa llum il-moħriet, kif kellha stima ta' kemm jiswew illum – jew fi żmien qrib tallum – it-*Toyota* u l-*Isuzu.* Fin-nuqqas ta' din il-prova l-qorti ma setgħetx tnaqqas il-valur tal-moħriet mid-danni likwidati u għalhekk ma kienx bi svista li l-qorti ma qisitx il-moħriet iżda ma qisitux għax ma kellhiex l-elementi ta' prova meħtieġa biex tista' tagħmel hekk. Billi f'dan l-istadju ma huwiex mogħti li jitressqu provi ġodda, ikun għalxejn illi l-appell jinstema' mill-ġdid biex il-qorti tara għandhiex tnaqqas mid-danni l-valur tal-moħriet (jekk, wara kollox, dan għad għandu valur).

20. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba tal-konvenuti għat-tħassir tas-sentenza attakkata u tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż kollha relativi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------